# FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## Gudikatur: Dr. Deborah Mifsud Attard B.A. LL.d

## Seduta ta' nhar il-Erbgha, 28 ta' Ottubru, 2015

**Talba Nru: 723/15 DMA**

**Isabelle Mizzi**
**ID 219071M**

**Vs**

**Mario Cassano**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fl-4 ta' Settembru, 2015 fejn l-attrici talbet illi minn relazzjoni ta' bejn Isabelle Mizzi u Mario Cassano twieled Matthew fil-11 ta` Novembru, 2005.

Meta spicca ir-relazzjoni Mario Cassano beda jonqos mill-hlasijiet tal-manteniment tal-minuri Matthew.

Illi l-Qorti tal-Familja, fuq rikors ta' Isabelle Mizzi, ordnat lil Mario Cassano ghandu jhallas lill-Isabelle Mizzi l-manteniment - digriet datat 24 ta' Lulju, 2013.

Illi l-intimat naqqas milli jhallas il-manteniment ghax-xahar ta' Lulju 2013 kif ukoll dak dovut ghax-xahar ta' Jannar, 2014 fl-ammont komplessiv ta' sitt mitt ewro (€600).

Illi l-intimat nonostante l-fatt illi gie interpellat sabiex jaghmel it-tali hlas baqa' inadempjanti u ghalhekk kellha ssir din it-talba.

Bl-ingunzzjoni tal-intimat in subizzjoni.

Bl-ispejjez.

Il-konvenut ipprezenta risposta fit-22 ta' Settembru, 2015 fejn eccepixxa:

1. Illi preliminarjament d-digriet li fuqu r-rikorrenti qed issejjes din it-talba taghha gie revokat fl-24 ta' Frar, 2015 permezz ta' digriet iehor moghti mill-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) fil-11 ta' Marzu, 2015. Ghalhekk kwalsiasi talba msejsa fuq digriet li llum gie revokat u b'hekk minghajr ebda validita', hija nulla u improponibbli.

2. Illi strettament minghajr pregudizzju ghall-premess, t-talba rikorrenti hija nfondata fil-fatt u fid-dritt stante' li l-esponent m'ghandu jaghti xejn lir-rikorrenti.

3. Illi fi kwalunkwe kaz, ir-rikorrenti ghandha tressaq prova dwar l-ammont minnha reklamat.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Xehdet l-attrici li spjegat illi hi kien fadlillha tithallas l-manteniment ta' Lulju, 2013 u ta' Jannar 2014.

Il-konvenut jispjega illi sa fejn jaf hu l-manteniment dejjem hallashom u sahansitra kien hemm ghallinqas darba fejn hallas u ma nghatax ricevuta. Pero' mistoqsi in kontro-ezami illi hemm cans illi dan gara fil-bidu tal-glied bejnithom.

Gew prezentati diversi dokumenti inkluz bank statements li juru meta l-konvenut hallas. Il-konvenut ikkonferma ukoll illi kien minghalih illi jhallas b'lura u mhux bil-quddiem.

It-Tribunal huwa tal-fehma illi wara li semgha z-zewg partijiet jidher illi zewg (2) skadenzi ta' manteniment ma thallsux u dawn tax-xhur ta' Lulju, 2013 u Jannar, 2014.

It-Tribunal ma jistax jilqa' l-eccezzjoni tal-konvenut illi d-digriet ma ghadux jghodd ghalxiex t-talba tal-attrici hija ghax-xhur ta' Lulju 2013 u Jannar 2014 meta d-digriet kien ghadu validu.

In oltre it-Tribunal ma jistax jaccetta li l-manteniment jiccaqlaq skond l-ezigenzzi tal-parti li tkun qed tithallsu. Jekk manteniment thallas f'data dak il-manteniment ikun ghax-xahar l-iktar vicin tieghu.

It-Tribunal ghalhekk jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas l-ammont ta' sitt mitt ewro (€600) lill-attrici. Liema ammont ghandu jithallas b'rati ta' mitejn ewro (€200) fix-xahar. B'dan illi kemm il-darba tinqabes skadenza allura l-attrici jkollha dritt lil titlob il-bilanc shih.

Spejjez tal-kawza jkunu a karigu tal-konvenut.

Imghax ghandu jithallas mid-data tal-prezentata sad-data tal-pagament effettiv.

**Avukat Dr. Deborah Mifsud Attard B.A. LL.d**

**Gudikatur**